MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1194/2002/2

**Micro Technology Consultancy Limited**

**v.**

**Maria Dolores Vella Camilleri u Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta` attrici ippremettiet u talbet hekk:
“Peress illi s-socjeta’ attrici tikri minghand il-konvenuta Maria Dolores Vella Camilleri il-fond li ghandu l-isem

Town Hall fi Triq l-Isqof Caruana, Haz-Zebbug u dan ai termini ta’ skrittura li ggib id-data tal-1 ta’ Dicembru 2000 (DOK A).

“Peress illi l-konvenuti nhar id-29 ta’ Awissu 2002, forzozament, klandestinament u minghajr il-kunsens tas-socjeta’ attrici sgassaw il-bieb ta’ barra ta’ l-imsemmi fond, dahlu fil-fond in kwistjoni, biddlu s-serraturi ta’ l-imsemmi fond u konsegwentement spussessaw lill-istess socjeta’ attrici u pprivaw lill-istess socjeta minn kull access ghall-istess fond.

“Peress illi dan l-agir mhux biss huwa ta’ dannu ghas-socjeta’ attrici izda wkoll jikkostitwixxi spoll vjolenti kontra l-istess socjeta’ attrici u jaghti lok ghall-ezercizzju tal-azzjoni ta’ spoll privileggjat.

“Jghidu jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

“1) Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti kkomettew spoll vjolenti ghad-dannu tas-socjeta’ attrici meta forzozament, klandestinament u minghajr il-kunsens tas-socjeta’ attrici sgassaw il-bieb ta’ barra ta’ dan l-imsemmi fond, dahhlu fil-fond in kwistjoni, biddlu s-serraturi tal-imsemmi fond u konsegwentement spussessaw lill-istess socjeta’ attrici u pprivaw lill-istess socjeta’ minn kull access ghall-istess fond.

“2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghtu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni u b’mod illi kollox jingieb lura l-pussess tal-fond in kwistjoni u b’mod illi kollox jingieb lura fi stat prestin u taht id-direzzjoni ta’ perit nominandi.

“3) Tawtorizza lis-socjeta’ attrici, fin-nuqqas li l-konvenuti ma jezegwux l-ordni tal-Qorti fi zmien lilhom iffissat, taghmel dawk ix-xogholijiet mehtiega sabiex s-socjeta’ attrici tiehu lura l-pussess ta’ l-imsemmi fond a spejjez ta’ l-istess konvenuti u dan taht is-sorveljanza ta’ l-istess perit nominand.

"B'riserva ghall-kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenuti spettanti lis-socjeta` attrici u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-        u l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1983/02DS, kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi: -

"1. Illi in linea preliminari n-nullita' ta' din il-kawza billi l-azzjoni ghal allegat spoll giet intavolata tardivament, kif jigi mfisser fil-mori ta' din il-kawza.

"2. Illi in linea preliminari wkoll in-nullita' tac-citazzjoni billi mhux minnu li s-socjeta' attrici tikri minghand il-konvenuta Maria Dolores Vella Camilleri l-fond bl-isem "Town Hall" u dan kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

"3. Illi d-data tad-disgha u ghoxrin ta' Awissu, tas-sena elfejn u tnejn (29.08.2002) hija effettivament deliberatament mizgwidanti u dana peress li l-atturi resqu fil-fond maghruf bl-isem "Town Hall" kien nhar id-disgha ta' Awissu, tas-sena elfejn u tnejn (09.08.2002) u cioe` ghoxrin (20) jum qabel, u kwindi se mai u ghal grazzja ta' l-argument il-kawza kellha tigi ntavolata sat-tmienja ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (08.10.2002) u mhux fit-tlieta u ghoxrin ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (23.10.2002), u kwindi l-ewwel eccezzjonijiet in linea preliminari.

"4. Illi ma huwa minnu xejn it-tieni premessa tas-socjeta' attrici kif jigu pruvat fil-mori tal-kawza.

"5. Illi t-tielet premessa attrici hija bla bazi billi d-danni gew sofferti biss mill-konvenuti u ghal dan il-mottiv huma qeghdin jaghmlu kontro-talba ma din ic-citazzjoni odjerna biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom u partikolarment ma' Maria Dolores Vella Camilleri li hija l-proprjetarja tal-fond *de quo*.

"6. Illi ghaldaqstant, u minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet in linea preliminari, l-ewwel talba attrici

ghandha tigi michuda, kif ghandha tigi michuda t-tieni talba attrici u l-istess ghat-tielet talba attrici, u dan kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

"7. Illi ghandhom jigi kjamati f'din il-kawza Rosario Cortis li ghandu n-numru tal-Karta ta' l-Identita' 932148 (M) u ibnu Philip Cortis li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 39777 (M) bhala t-terzi persuni intimament involuti f'dan il-kaz u anke bhala d-Diretturi tas-socjeta' kummercjali attrici Micro Technology Consultancy Limited, u dana ghal ragunijiet li jigu ppruvati fil-mori ta' din il-kawza.

"8. Illi f'kull kaz u in linea preliminari wkoll, in-nullita' tac-citazzjoni odjerna billi fil-mument tal-allegata lokazzjoni li sehhet bejn Maria Dolores Vella Camilleri u s-socjeta' kummercjali Micro Technology Consultancy Limited, s-socjeta' attrici ma kienetx ghadha legalment ezistenti u kwindi ma seta' qatt kellha '*locus standi*' ghal skopijiet legali. Kwindi n-nullita tac-citazzjoni odjerna bhala li hija ppernjata fuq persuna li legalment ma kinitx ezistenti.

"9. Illi fic-cirkostanzi l-konvenuti m'ghandhom ibatu ebda forma ta' spejjez u ghal dan il-mottiv huma jirreferu ghal kontro-talbiet taghhom mac-citazzjoni odjerna.

"10. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri."

Rat il-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti[1];

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata[2];

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2005, li in forza taghha ddecidiet dwar l-azzjoni attrici fis-sens illi:
"....**tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti ikkomettew spoll fil-konfront tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahar jaghtu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni lis-socjeta' attrici u fin-nuqqas**

[1] Fols.25 sa 38
[2] Fols.40 u 41

**tawtorizzaha taghmel dan a spejjez tal-konvenuti.Ix-xoghol rikjest ghandu jsir dejjem u f'kull kaz taht is-supervizjoni tal-AIC Valerio Schembri.**

"**L-ispejjez ta' l-azzjoni attrici jkunu kollha a kariku tal-konvenuti.**"

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenuti li huma s-sidien tal-fond imsemmi fic-citazzjoni, bidlu s-serratura tal-istess fond li kien gie mikri lis-socjeta' konvenuta u ghalhekk qed jitolbu li jigu reintegrati fil-pussess. Il-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet qed jeccepixxi illi l-azzjoni giet intavolata iktar minn xahrejn wara li huma hadu l-pussess tal-fond u qed jghidu li huma hadu l-fond lura ghaliex l-atturi kienu moruzi fil-hlas tal-kera.

Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

"**1. Il-pussess;**

"**2. L-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' ta' l-attur; u**

"**3. Li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

"Is-socjeta' konvenuta f'din il-kawza ressqet diversi eccezzjonijiet li se jigu trattati iktar il-quddiem.

"Fis-sentenza <u>Delia vs. Schembri</u> (Prim'Awla – 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

"*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi il-pussess, ikun x'ikun ... li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm*

*jista' jkollu dritt ghalih ma jistghax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti*

"Fi kliem Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

"Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs. Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

"*L actio spolli hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

"Kif ukoll gie ritenut;

"*Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Qorti tal-Apperll, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi francizi u taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs. Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu 1992.*

"Ma hemmx dubbju li l-konvenuti hadu l-pussess tal-fond b'azzjoni arbitrarja ghaliex hassew li kellhom jaghmlu dan billi l-atturi ma kienux hallsu l-kera. Madankollu dan huwa appuntu dak li hija intenzjonata li tattakka l-azzjoni ta' spoll. Il-fatti li hargu mill-provi huma cari u ma hemmx lok ghal wisq deliberazzjoni fit-tul. Dawn johorgu mill-istess dikjarazzjonijiet tal-konvenuti fl-atti u mir-rapport li sar lill-Pulizija (Fol 49). Mir-rapport imsemmi johrog ukoll car li l-konvenuti hadu l-ligi b'idejhom ghaliex l-atturi ma hallsux il-kera izda din ma hija qatt gustifikazzjoni biex dan isir u jekk kien il-kaz kellhom jirrikorru ghal mezzi legali.

"Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-uniku punt dibattibli huwa jekk l-azzjoni saritx entro t-terminu tax-xahrejn impost mill-

Kodici Civili. Anke f'dan l-aspett, il-Qorti ma ghandhiex dubbju li l-kawza saret entro t-terminu imsemmi. Infatti apparti d-dikjarazzjoni ta' Rosario Cortis li huwa d-direttur ta-socjeta' attrici, ix-xhieda tas-Surgent Mario Mifsud a fol 58 et sequitur tal-process tindika dan. Is-surgent qal infatt, *Ir-rapport dahal fit-tletin, l-incident sehh fid-29 ta' Awwissu ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghaxija.* Aktar qabel qal; *Jien mort fuq il-post, ... kont sibt lis-sinjura Vella u r-ragel taghha kienu qed jibdlu xi locks tal-aluminju, tal-bieb tal-aluminju.* Dan ifisser li l-ispoll sar fid-29 ta' Awwissu 2002 u l-kawza giet intavolata fil-25 ta' Ottubru tal-istess sena – kwindi entro t-terminu."

Rat li l-konvenuti interponew appell minn din is-sentenza, u ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu r-revoka tas-sentenza moghtija minn dik il-Qorti, u l-konsegwenzjali cahda tat-talbiet attrici;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti [diversament presjeduta] tas-6 ta' April 2006 li in forza taghha cahdet l-appell tal-konvenuti, u kkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-28 ta' Gunju 2005; u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti kif jemergu mill-provi huma bazikament is-segwenti: permezz ta' skrittura privata iffirmata fl-1 ta' Dicembru 2000[3], is-socjeta` appellata kriet minghand l-appellanti fond bl-isem ta' Townhall, Triq l-Isqof Caruana, Haz-Zebbug. Minn dan il-fond is-socjeta` appellanti bdiet topera hanut ta' l-IT. Gie zmien meta s-socjeta` appellata ma kenitx qeghda thallasha l-kera. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Lulju 2002[4], l-appellanti nterpellaw lis-socjeta` appellanti sabiex tizgombra minn gewwa l-fond fuq imsemmi. F'zewg okkazjonijiet separati – ghax wara l-ewwel okkazjoni s-socjeta` attrici appellata regghet hadet lura l-fond – l-appellanti qabdu u hadu l-pussess tal-hanut. Fit-30 ta' Awissu 2002 l-ufficjali tas-socjeta` appellata ghamlu rapport mal-pulizja[5].

[3] Fol. 5.
[4] Fol. 34 – wiehed mid-dokumenti annessi man-nota ta' l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba.
[5] Fol. 49.

"Issa, l-ewwel, is-sitt u s-seba' aggravji ta' l-appellanti huma fir-realta` identici, u jghidu l-istess haga izda b'mod differenti u b'mod verbuz ghall-ahhar li ma jghin xejn fl-andament ta' dana l-appell. Permezz ta' dawn l-aggravji l-appellanti qeghdin jilmentaw mill-fatt li ma thallewx iressqu l-provi.  Mill-atti processwali jirrizulta l-oppost:-

"1.  Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2004[6] ma dehrux l-appellanti u l-avukat taghhom u l-Qorti filwaqt li ddikjarat l-istadju tal-provi taghhom maghluq, iddiferiet il-kawza ghas-sentenza.

"2.  Wara rikors tal-appellanti[7] ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex iressqu l-provi taghhom, il-Qorti tat opportunita` ohra lill-appellanti biex iressqu l-provi taghhom, kif jirrizulta mid-digriet moghti fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2005[8].

"3.  Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2005 tressqu provi min-naha ta' l-appellanti[9] u l-kawza thalliet ghas-seduta tat-8 ta' April 2005 fil-11.15 a.m. *"ghall-eghluq tal-provi tal-konvenuta ghat-talba tal-attrici"*.

"4.  Fis-seduta tat-8 ta' April 2005[10] id-difensur tal-konvenuti (illum appellanti) ma deherx u ma tressqux provi.  Il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza ghall-20 ta' Mejju 2005. Mill-atti ma jirrizultax li ghal din is-seduta gew imharrka xi xhieda min-naha ta' l-appellanti.

"Gialadarba l-appellanti naqsu milli jressqu provi fis-seduta tat-8 ta' April 2005, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li thalli l-kawza ghas-sentenza, kif effettivament kienet diga` ddikjarat li ser taghmel. Ir-rikors tat-12 ta' April 2005 ghas-sospensjoni mill-gdid – cioe` ghat-tieni darba – tal-prolazzjoni tas-sentenza jirrazenta l-abbuz tal-process gudizzjarju, anke peress li fih ma ngabu ebda ragunijiet

[6] Fol. 79.
[7] Fol. 81.
[8] Fol. 88.
[9] Fol. 90.
[10] Fol. 99.

serji in sostenn ta' tali talba. Li avukat semplicement jallega li nqabad fuq bicca xoghol urgenti band'ohra meta l-kawza kienet giet differita ghas-smigh bil-hin (li hu prezzjuz ghal kulhadd), minghajr ma jiggustifika b'xi mod iehor u b'mod konkret l-assenza tieghu, u minghajr ma jintwera li sar imqar xi sforz minimu u genwin biex jasal fil-hin, jirrazenta wkoll id-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Din il-Qorti hi sodisfatta li meta l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghat-tieni sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, cioe` t-talba kif migjuba fir-rikors tat-12 ta' April 2005, hija ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod korrett. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint bhala infondat.

"Fil-meritu, il-kontestazzjoni principali (it-tieni aggravju) hija jekk il-kawza saritx fit-terminu ta' xahrejn perentorju li tippreskrivi l-ligi. It-terminu ta' xahrejn li timponi l-ligi f'kawza ta' spoll huwa wiehed ta' dekadenza[11]. M'hemmx dubju li l-appellanti hadu l-ligi b'idejhom u dahlu fil-hanut li kien fil-pussess tas-socjeta` appellata. Filwaqt li s-socjeta` appellata ssostni li l-ispoll sehh fid-29 ta' Awissu 2002, l-appellanti jghidu li huma dahlu fil-fond fit-8 ta' Awissu 2002. Kif inghad f'sentenza ta' din il-Qorti moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet **Martin Debrincat et v. Joseph Attard**[12], *"huwa maghruf li meta f'kawza ta' spoll konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni li l-azzjoni ta' spoll ma saritx fit-terminu perentorju ta' xahrejn, il-prova tispetta lilu*". Mill-provi li tressqu ma jirrizultax li l-appellanti rnexxielhom li jaghtu prova li l-kawza saret tardivament. Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti, mill-provi jirrizulta li l-att spoljattiv sehh fid-29 ta' Awissu 2002. L-ufficjal tal-pulizija li investiga l-kaz[13] ikkonferma li ***"l-incident sehh fid-disgha w ghoxrin t'Awissu ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija"***. Ix-xhud kompla jghid li kien mar fuq il-post. Fir-rapport naqraw: ***"The police called immediately on the spot and spoke to Doris Vella where she stated that Cortis didn't payed*** (sic) ***the rent and they ordered him to move out and as he didn't the***

[11] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Giuseppe Sammut v. Notaro Odoardo Pellegrini Petit** deciza fis-16 ta' Jannar 1920 (Vol. XXIV.276).
[12] Cit. nru: 123/2002.
[13] PS160 Mario Mifud li xehed fis-seduta tat-2 ta' April 2004 (fol. 58-59).

(sic) ***took over.....”***[14]. Min-naha taghhom l-appellanti jsostnu li tant il-pussess tal-fond ittiehed bejn it-8 u d-9 ta’ Awissu 2002 li l-pulizija hadu passi bil-Qorti kontra l-appellant u l-komparixxi[15], ezibita man-nota ta’ l-eccezzjonijiet, issemmi dawn id-dati. F’dan ir-rigward Rosario Cortis, segretarju tas-socjeta` appellata, xehed li l-incident meta gew maqfula barra mill-hanut sehh f’zewg okkazzjonijiet differenti. Ighid li l-ewwel darba ***“…sibt katnazz u qtajtu, mort ghall-imqass tax-xibka d-dar u qtajt il-katina u dhalt”***[16]. Imbaghad ikkonferma li l-incident rega’ rrepeta ruhu. Il-kawza odjerna evidentement titratta, u titlaq minn, dan l-ahhar incident, u bir-referenza ghall-ewwel incident l-appellanti qeghdin semplicement jippruvaw jizvijaw lill-Qrati.

"Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti isostnu bazikament li qatt ma seta’ kien hemm spoll minhabba li t-termini tal-iskrittura, li ggib id-data tal-1 ta’ Dicembru 2000, kienet taghmilha cara x’inhuma l-kondizzjonijiet li tahthom giet iffirmata dik l-iskrittura. Dawn il-kondizzjonijiet inkisru mis-socjeta` appellata u l-kirja giet rexxissa meta ntbaghtet ittra ufficjali. Issa, il-fatt li seta’ kien hemm xi ksur tal-pattijiet lokatizji da parti tas-socjeta` appellata ma jfissirx b’daqshekk li l-appellanti kienu gustifikati li jiehdu l-ligi b’idejhom. L-azzjoni ta’ spoll hija ntiza biex jinzamm l-ordni pubbliku u ma biex hadd ma jipprova jiehu l-ligi b’idejh. Fil-fatt ghall-azzjoni ta’ spoll hu bizzejjed li l-persuna spoljata tigi mnezza mill-pussess, ta’ liema xorta jkun, anke jekk il-pussess ikun qasir hafna u sahansitra momentanju. L-istitut tal-ispoll hu intiz biex jassigura li fis-socjeta` ma tirrenjax il-ligi tal-gungla, u ghalhekk wiehed ghandu jirrikorri lejn il-Qrati biex jiehu d-drittijiet tieghu u mhux li jiehu l-ligi f’idejh bil-forza u bil-vjolenza. Dan japplika wkoll meta persuna trid tirkupra dak li huwa manifestament hwejjigha[17]. Tant dan huwa minnu

[14] Fol. 49.
[15] Fol. 38.
[16] Fol. 72.
[17] Fil-kawza **Emanuel Debono et v. Carmela Borg et** deciza fis-26 ta’ Ottubru 1989, il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat:- *“…il-ligi hawnhekk mhix interessata dwar id-drittijiet ta’ proprjeta` li talvolta jista’ jkollu l-ispoljant, imma hija diretta unikament biex tiskoragixxi u tipprojbixxi lil dan milli jiehu l-ligi b’idejh…Ghaldaqstant din l-azzjoni jekk tigi promossa b’success ma tippregudikax id-dritt tal-ispoljant li jezercita l-azzjoni petitoria li talvolta dan jista’ jkollu”.*

li l-ligi takkorda reintegrazzjoni anke favur possessur *in mala fede*[18] u sahansitra kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm il-pretensjoni li gie kommess l-ispoll.

"Illi aggravju iehor (il-hames wiehed) huwa li l-appellanti ma thallewx iressqu provi fuq it-talba rikonvenzjonali. Minghajr ma din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni ta' jekk it-talba rikonvenzjonali[19] kif proposta mill-appellanti hijiex ammissibbli jew ghandix ir-rekwiziti tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12, il-Qorti ta' prim istanza kellha l-ewwel u qabel kollox titratta il-kawza ta' spoll. Fil-kawza **Brian Borg v. Saviour Ellul**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1992, kien gie osservat:-

***"L-azzjoni tentata mill-attur hi wahda ta' spoll privileggat – azzjoni possessorja. Il-konvenut qed javvanza kontro-talba rikonvenzjonali li fiha qed jikkontesta lill-attur vjolazzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta` tieghu – azzjoni petitorja. Fl-iskorta tal-gurisprudenza ricenti, f'sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, ma jidhirx li hu korrett li tigi eccepita l-inamissibilita` tal-kontro-talba ut sic. <u>Hu pero imperattiv li qabel ma l-Qorti tghaddi ghall-ezami tal-istess kontro-talba, hi ghandha tkun assigurat ruhha illi l-ispoll allegat fit-talba attrici, jekk jigi pruvat, jigi qabel xejn u qabel kull konsiderazzjoni tal-kontro-talba, spurgat. Il-Qorti hi fid-dover li tassigura li fl-ewwel lok, l-ispoljat jigi reintegrati fid-drittijiet tieghu</u>, u jitqieghed fl-istess posizzjoni qabel gie kommess l-att spoljattiv. Spoliatus ante omnia restituendo"***.

"Jezistu wkoll sentenzi ohra fejn dan l-insenjament ma giex abbracjat. Hekk per ezempju din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Farr Limited v. Norman Cutajar** deciza fis-6 ta' Frar 2004 irriteniet li f'kawza ta' spoll ma tistax issir talba rikonvenzjonali ta' natura petitorja. Jidher li l-ewwel Qorti abbracjat it-tezi fl-ewwel sentenza fuq imsemmija u sahansitra ddiferiet il-kawza ghas-smiegh tal-provi fuq il-

---

[18] Ara per ezempju sentenza riportata fil-Volum XLI.245.
[19] Fol. 25 *et seq.*

kontro-talba tal-appellanti[20]. Madankollu jidher li f'kull kaz qabel ma jinbeda s-smiegh tal-provi ghandu jigi accertat li l-appellanti jkunu rreintegraw lis-socjeta` appellata fil-pussess tal-fond meritu tal-kawza. F'dan is-sens – u cioe` peress li l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha fuq il-kontro-talba u proprjament ghalhekk anqas hemm appell fuqha – kienet korretta l-ewwel Qorti li fl-ewwel lok ittrattat u tat sentenza fuq l-azzjoni ta' spoll intavolata mis-socjeta` appellata, in kwantu Qorti ghandha d-dover li tassigura li jekk sehh spoll, min gie spoljat jigi reintegrat fid-drittijiet tieghu u b'hekk hadd ma jithalla jiehu l-ligi b'idejh. Tant hu hekk illi f'kawza ta' spoll ma tista' tinghata l-ebda eccezzjoni li m'hijiex dilatorja[21] qabel il-konvenut ma jkun rega' qieghed kollox fl-istat li kien qabel ma kkommetta l-ispoll, u dan f'dak iz-zmien li skond ic-cirkostanzi jigi moghti lilu fis-sentenza, bla hsara ta' jeddijiet ohra li jista' jkollu kontra l-parti li tkun batiet l-ispoll. Ghalhekk anke dana l-aggravju hu manifestament infondat.

"Kwantu ghar-raba' aggravju, u cioe` li l-kawza ta' spoll qatt ma setghet tigi proposta in kwantu s-socjeta` appellata ma kenitx tezisti, dwar dan ma tressqet l-ebda prova da parti tal-appellanti quddiem l-ewwel Qorti, u ghalhekk fic-cirkostanzi ma jistax jittiehed qies tieghu."

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tal-konvenuti li bih talbu li l-appell jigi ritrattat a bazi tal-paragrafi [a][c][e][l] ta' l-artikolu 811 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta[22];

Rat ir-risposta tas-socjeta` ritrattata li talbet ic-cahda tat-talba ta' ritrattazzjoni[23];

Rat ir-replika tal-konvenuti;[24]

---

[20] Ara verbal a fol. 113 tal-process.

[21] *"...f'azzjoni ta' din in-natura m'humiex ammissibli hlief l-eccezzjonijiet dilatorji u ghall-actio spolii, l-ispoljant ma jistax jirrispondi in difesa li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagni tal-legittimita` jew le hija riservata ghall-gudizzju petitorju"* (**Delia v. Schembri** deciza fl-4 ta' Frar, 1958).

[22] Fol.165 *et seq.*

[23] Fols.211 *et seq.*

[24] Fols.219 *et seq.*

Rat id-digrieti u l-provvedimenti moghtija sussegwentement;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti. Permezz ta' skrittura privata ffirmata fl-1 ta' Dicembru 2000[25], is-socjeta` appellata kriet minghand l-appellanti l-fond bl-isem "Townhall" Triq l-Isqof Caruana, Zebbug. Hija bdiet topera bhala hanut ta' l-IT. Gie zmien meta s-socjeta` appellata ma kinitx qed thallas kera, u ghalhekk, l-appellanti, permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Lulju 2002, interpellaw lis-socjeta` appellata sabiex din tizgombra minn gewwa l-imsemmi fond.

Sussegwentement fit-8 ta' Awissu 2002 l-appellanti hadu pussess tal-fond billi, fi kliem l-appellanti Maria Dolores Vella Camilleri, "ghamilna katnazz u katina biex [l-ufficjali tas-socjeta` Rosario u Philip Cortis] ma jidhlux …. Imbaghad huma l-ghada nehhewhom, dahlu jigifieri ghamlu gurnata hemm gew."[26] Fit-29 ta' Awissu ta' l-istess sena l-appellanti biddlu s-serratura tal-fond, u konsegwentment l-appellati talbu l-intervent tal-pulizija. PS160 Mario Mifsud jghid hekk: "Jiena mort fuq il-post, fil-fatt vera kont sibt lis-sinjura u r-ragel taghha [l-appellanti] kienu qed ibiddlu xi locks tal-bieb ta' l-aluminium."[27]

In segwitu s-socjeta` appellata istitwiet azzjoni ta' spoll kontra l-appellanti, u b'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2005, dik il-Qorti laqghet it-talba attrici, u s-sentenza giet konfermata minn din il-Qorti [diversament presjeduta] fis-6 ta' April 2006.

Illi l-appellanti qed jitolbu r-revoka tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti u r-ritrattazzjoni ta' l-appell; u dan fuq il-

[25] Fol.5
[26] Fol.94
[27] Fol.58

motiv kontemplat fil-paragrafi [a][c][e][l] ta' l-artikolu 811 tal-Kap.12.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Illi in tema legali u fuq livell generali jigi osservat li skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati, ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li ghaddiet f'gudikat ghandha l-forza ta' ligi bejn il-partijiet. Ghalhekk il-kazijiet li fihom jista' jinghata, kif ikkontemplati specifikatament mill-ligi, ghandhom jigu interpretati ristrettivament.[28]

[1] Illi l-ewwel raguni[29] ghar-ritrattazzjoni hija bazata fuq il-kontenut tal-paragrafu [a] ta' l-artikolu 811 li jikkontempla l-kaz ta' "sentenza li tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra."

L-appellanti qed jilmentaw li "s-sentenza ttiehdet bil-qerq il ghaliex giet ibbazata fuq skrittura privata li hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-ligi" peress li fiz-zmien tal-lokazzjoni l-kumpanija appellata "ma kinitx tezisti la legalment u lanqas fattwalment fl-1 ta' Dicembru 2002"; u wkoll kien hemm "il-qerq tad-data meta suppost sar l-ispoll" stante li l-appellanti jsostnu li dan sar fit-8 ta' Awissu 2002 u mhux fid-29 ta' Awissu 2002, u ghalhekk ic-citazzjoni giet prezentata wara l-perijodu ta' xahrejn preskritt mill-ligi.

Huma jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti kienet ddecidiet li l-ewwel tiddecidi l-azzjoni ta' l-ispoll, u sussegwentement tittratta u tiddecidi fuq il-kontro talba ta' l-appellanti.

Illi in tema legali jigi osservat li jinsab ritenut li [App.Civ.John Cutajar vs George] Cachia[30], filwaqt li hu veru l-principju li qerq jinficcja kull procedura u li *fraus omnia corrumpit*, mhux kull forma u xorta ta' qerq fil-

[28] App.S Avk. Dr. Pio Valletta vs Joseph Tanti - 20.05.1994 [Vol.LXXVIII.II.84]; App.S. Joseph Zammit vs Carmelo Dingli – 9.05.2005
[29] Fols.174 sa 176
[30] *[2000] Vol.LXXXIV.II.200*

process taghti lok ghal smigh mill-gdid tal-kawza. Huwa biss il-qerq li jigi ppruvat li kien determinanti ghall-mertu, u li kien tali li l-gudikant kien jasal ghal konkluzjoni diversa li kieku dak il-qerq ma jezistix u l-provi kienu korrettament migjuba quddiemu, illi kien jaghti lok ghal-ritrattazzjoni.

In propozitu din il-Qorti tirrileva li, kif osservat fis-sentenza tas-6 ta' April 2006, l-appellanti naqsu li jressqu provi in sostenn ta' l-allegazzjoni taghhom li s-socjeta` appellata ma kinitx tezisti fiz-zmien li saret l-iskrittura. Ghalkemm huma kellhom l-opportunita' li jressqu l-provi taghhom f'dan ir-rigward, huma kienu mankanti; u ghalhekk, tenut kont tal-fatt li fl-atti giet esebita kopja certifikata tal-iskrittura tal-lokazzjoni minn fejn jirrizulta car li s-socjeta` appellata kienet kriet minghand l-appellanti l-fond in kwistjoni, allura din l-allegazzjoni ta' l-appellanti ma tistax titqies bhala sostenibbli. Il-Qorti tosserva li mill-atti ma jirrizulta li sar ebda qerq f'dan ir-rigward; izda jirrizulta provat li meta l-appellanti kkommettew l-ispoll f'zewg okkazzjonijiet, u fl-ahhar okkazzjoni gew sorprizi in flagrante, il-fond in kwistjoni kien fil-pussess tas-socjeta` appellata.

Rigward l-ilment ta' l-appellanti li kien hemm "il-qerq tad-data meta suppost sar l-ispoll" il-Qorti tosserva li anke din l-allegazzjoni hija infondata, anzi kontradetta mill-provi, stante li mill-atti jirrizulta li l-ispoll sar f'zewg okkazzjonijiet: fit-8 ta' Awissu meta l-appellanti ostakolaw il-pussess tal-kumpannija appellata meta ghamlu katina u katnazz li sussegwentement gew maqtugha mill-istess appellata u dahlu fil-fond, u tieni okkazzjoni fid-29 ta' Awissu 2002 meta l-appellanti nqabdu jbiddlu s-serratura tal-bieb ta' barra bl-iskop li jostakolaw u jfixklu lill-appellati fil-pussess taghhom. Kemm l-Ewwel Qorti, kif ukoll din il-Qorti fis-6 ta' April 2006, ddecidew li l-ispoll *de quo agitur* permezz tal-proceduri odjerni kien jirrigwarda t-tieni okkazzjoni tal-29 ta' Awissu u mhux dak tat-8 ta' Awissu li fir-rigward tieghu kienu gia` ttiehdu proceduri kriminali. Ghalhekk jirrizulta car li ma kien hemm ebda "qerq tad-data".

Illi rigward l-ilment ta' l-appellanti li l-Ewwel Qorti ddecidiet l-azzjoni ta' l-ispoll qabel ma ghaddiet biex tittratta u

tiddecidi l-kontro talba ta’ l-appellanti, allura konvenuti, il-Qorti tirrileva li dan il-punt gie trattat u deciz minn din il-Qorti fis-sentenza tas-6 ta’ April 2006.

[2] Illi t-tieni raguni[31] proposta mill-appellanti bhala motiv tar-ritrattazzjoni, hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [e] ta’ l-artikolu precitat li jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni l-kaz meta “is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin” fis-sens li “id-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi li fuqha l-qorti tkun espressament tat-decizjoni.”

In propozitu l-appellanti jsostnu li l-Qorti applikat il-ligi hazina ghax, minkejja li kien hemm tmien eccezzjonijiet li kienu juru li ma setax kien hemm spoll, dawn gew injorati mill-Ewwel Qorti. Huma jghidu li “ma seta’ qatt kien hemm spoll fuq fond li qatt ma kien mikri lil socjeta` li ma kinitx tezisti meta saret il-kirja, ma seta’ qatt kien hemm spoll fuq skrittura privata li kienet nulla; . . . ma seta’ qatt kien hemm spoll meta hemm procedura dokumentata fil-process [l-komparixxi tal-kawza kriminali]”. Huma jilmentaw ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti injorat it-talba taghhom ghas-sejha fil-kawza ta’ Rosario u Philip Cortis.

Illi rigward “x’ kellha tkun il-ligi korretta” huma jilmentaw u jsostnu l-fatt li l-Ewwel Qorti qatghet is-sentenza u injorat ghal kollox il-kontro talbiet. Huma jghidu li “il-ligi giet applikata hazina ghaliex huwa car li l-ewwelnett ma kien sehh ebda spoll…u giet applikata fis-sentenza l-ligi b’mod hazin billi gew vjolati principji fundamentali ta’ l-*audi alteram partem* fic-cirkostanzi partikolari” meta l-Ewwel Qorti naqset li tiehu konjizzjoni ta ‘l-ecczzjonijiet taghhom u “tabbinahom” mal-kontro talbiet; kif ukoll ghaliex “il-fatti kif gew stabbiliti fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, ma gewx irrispettati [sic] anzi gew injorati bil-qerq ta’ l-atturi [appellati]” liema qerq wassal lill-Ewwel Qorti u lil din il-Qorti li tapplika l-ligi hazin.

[31] Fols.177 sa 182

In tema legali jigi osservat li jinsab stabbilit fil-gurisprudenza, fil-kaz ta' ritrattazjoni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, li l-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f'dan l-istadju ma ghandux jsir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati b'mod iehor ghajr kif gew ivvalutati u determinati fis-sentenza impunjata[32]. [App.S. Xuereb untinque 20.01.1992]. "Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve prendersi per unica base il fatto come stabilito della Corte nella sentenza impugnata". [Vol.XXVII.I.433]

Hu stabbilit illi jkun hemm lok ghal ritrattazjoni jekk jirrizulta li l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti kif ippruvati, u mhux jekk tapplika hazin il-ligi ghal dawk il-fatti. "L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti." [33]

Fil-kaz in disamina jirrizulta car li din il-bazi ghar-ritrattazzjoni proposta mill-appellanti hija manifestament infondata. Fl-ewwel lok jigi osservat li fl-azzjoni ta' spoll, il-fatturi determinanti huma l-pussess, anke momentaneju, ta' l-ispoljat, abbinat mal-vjolazzjoni tal-pussess, u r-rekwizit procedurali ta' *infra bimestre*. Dawn il-fatturi gew trattati kemm mill-ewwel Qorti kif ukoll minn din il-Qorti, u mill-provi akkwisti waslu ghall-konkluzjoni li jikkonkorru l-elementi fattwali u legali sabiex jintegra ruhu l-ispoll klandestin da parti ta' l-appellanti fil-konfront tas-socjeta` appellata. Din il-Qorti ma tarax li saret applikazzjoni hazina tal-ligi f'dan ir-rigward, u l-fatti ndikati mill-appellanti b'tentattiv li jsostnu din il-bazi gew trattati kemm mill-Ewwel Qorti kif ukoll minn din il-Qorti meta waslu ghall-istess konkluzjoni li sehh spoll. F'dan ir-rigward, is-sejha fil-kawza o meno ta' Rosario u Philip Cortis, kienet irrilevanti ghall-azzjoni ta' l-ispoll kommess.

---

[32] App.S. Anthony Camilleri vs Avk. Dr.Victor Ragonesi noe [Vol.LXXXI.II.452],

[33] App.Aquilina v Aquilina [Vol.XLII.I.227]; App. Joseph Micallef vs George Pavia deciza 8.11.1993 [ vide kazistika citata].

Inoltre, lanqas jista' jinghad li l-eccezzjonijiet gew injorati ghax il-Qorti naqset li "tabbinahom" mal-kontro talbiet; ghax dak kollu li kien relevanti ghad-determinazzjoni tal-punt jekk giex kommess spoll jew le, gie mehud in konsiderazzjoni; filwaqt li l-kontro talbiet kellhom jigu decizi wara l-azzjoni ta' l-ispoll fuq is-sahha tal-principju li "*spoliatus ante omnia restituendus*". Dan il-punt gie ukoll trattat u deciz fis-sentenza attakkata.

In fine rigward l-ilment ta' l-appellanti li kien hemm vjolazzjoni tal-principju ta' l-*audi alteram partem* meta l-ewwel Qorti ddikjarat il-provi maghluqa u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza, din il-Qorti tirrileva, kif gja rrilevat fis-sentenza de quo, li fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2004 l-Ewwel Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza wara li nnotat li l-konvenuti u l-Avukati taghhom, msejha tliet darbiet, ma dehrux.[34] Wara li fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2005 dik l-istess Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza fuq talba ta' l-appellanti, sussegwentement regghet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza fl-udjenza tat-8 ta' April 2005 li fiha ghan-naha konvenuta kienet dehret biss il-konvenuta li min-naha taghha ma ghamlet ebda talba. Ghalhekk jirrizulta manifest li ma kien hemm ebda ksur tal-principju tal-*audi alteram partem*.

[3] Illi t-tielet raguni[35] hija bazata fuq il-paragrafu [c] li jikkontempla l-kaz fejn "wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkun giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-legittimita`."

In propozitu l-appellanti jsostnu li huma kienu eccepew li "fil-mument ta' l-allegata lokazzjoni …is-socjeta` attrici ma kinitx ghadha legalment ezistenti, u kwindi ma seta' qatt kellha *locus standi* ghall-iskopijiet legali" u ghalhekk ic-citazzjoni hija nulla. Huma jghidu li "ma seta' qatt kien hemm spoll galadarba fl-1 ta' Dicembru 2000 il-Micro Technology Consultancy Limited ma kinitx legalment ghadha tezisti.." Ghalhekk wahda mill-partijiet fil-kawza, is-socjeta` appellata, allura attrici, ma kinitx persuna

[34] Fol.79
[35] Fols.182 sa 185

legittima, u nonostante li dan kien gie sollevat f'wahda mill-eccezzjonijiet, din l-eccezzjoni ma kinitx giet deciza, la mill-Ewwel Qorti u lanqas minn din il-Qorti.

In propozitu l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi rigward l-allegazzjoni appellanti li fil-mument tal-lokazzjoni s-socjeta` appellata ma kinitx tezisti la fattwalmet u lanqas legalment, u, tirribadixxi n-nuqqas tal-konvenuti li, ghalkemm kellhom l-opportunita` li jressqu l-provi taghhom, dawn kienu mankanti f'dan ir-rigward. Jigi ribadit ukoll li dan il-punt gie trattat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-6 ta' April 2006.

Inoltre, jigi osservat li l-appellanti kienu eccepew li "fil-mument ta' l-allegata lokazzjoni"[36] s-socjeta` attrici "ma kinitx ghadha legalment ezistenti", izda ghall-fini ta' l-azzjoni ta' spoll proposta mill-appellati, allura attrici, dak li kien relevanti huwa l-mument ta' l-ispoll u l-pussess tas-socjeta` attrici tal-fond *de quo*, f'dak il-mument. Il-kwestjoni tal-legalita` jew le ta' dak il-pussess, ma kienet ta' l-ebda rilevanza ghall-mertu ta' l-azzjoni ta' spoll.

[4] Illi r-raba' raguni[37] ghar-ritrattazzjoni ta' l-appellanti, konjugi Vella, hija bazata fuq il-paragrafu [l] ta' l-artikolu 811 li jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni l-kaz meta "is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza." U dan l-izball ikun jikkonsisti biss f'decizjoni li "tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

In propozitu l-appellanti jsostnu li "hawn ghandna kaz car ta' dokumenti li kien fil-pussess tal-Qorti, fejn ma hemm ebda dubju li l-allegat spoll … sehh fil-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' Awissu 2002 ….. imma l-Ewwel Qorti din ir-realta' ta' fatt stabbilit injoratu u sfortunatament segwiet fuq dan l-

[36] Fol.19 – sottolinear tal-Qorti.
[37] Fol.186 *et seq.*

izball din l-istess wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell." u minflok giet accettata t-tesi li l-ispoll sehh fid-29 ta' Awissu 2002. F'dan ir-rigward l-appellanti jaghmlu referenza ghar-rapport li sar lill-pulizija bejn it-8 u 9 ta' Awissu 2002, u ghac-citazzjoni relattiva, li jinsabu esebiti fil-process.

Huma jghidu li din il-Qorti "ma apprezzatx li l-fond *de quo* …. baqa' f'idejhom [l-appellanti] u qatt ma ttiehed lura mill [l-appellati][38]. Ghalhekk hawnhekk hawn zball li jidher mill-atti.

L-appellanti jghidu wkoll li kien hemm "zball fundamentali legalment infrastrutturali" meta kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti naqset li tinvesti l-punt sollevat mill-appellanti li fil-mument tal-lokazzjoni s-socjeta` appellata ma kinitx tezisti u allura "ma seta' kien hemm ebda skrittura privata" u "allura kif seta' kien hemm l-ispoll wiehed jirraguna"?[39]

Inoltre, l-appellanti jissottomettu li mhuwiex minnu dak dikjarat minn din il-Qorti li "mill-atti processwali jirrizultaw l-oppost ghat-tezi ta' l-appellanti konvenuti u cioe` li ma thallewx iressqu l-provi" u dan b'referenza ghal pagna 8 tas-sentenza ta' din il-Qorti. Huma jaghmlu referenza partikolari ghal dak osservat minn din il-Qorti rigwardanti l-udjenza tat-8 ta' April 2005[40] u jghidu li dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza, b'referenza specjali ghar-raba' osservazzjoni, stante li x-xhieda li kellhom jixhdu dak in-nhar, u cioe` Rosario Cortis, il-konvenuti u t-tifel taghhom, kienu fil-fatt prezenti, u ghalhekk ma kellhomx ghalfejn jitharrku xhieda. Ghalhekk "ghandna kaz car iehor hawn li din is-sentenza" hija milquta bi zball fit-termini tal-paragrafu precitat.

Illi fil-paragrafu 45, l-appellanti jssottomettu wkoll li kien hemm zball meta din il-Qorti osservat li "l-Ewwel Qorti cahdet it-talba ghat-tieni sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, billi ma kien hemm l-ebda tieni talba u ma kien

[38] Fol.192
[39] Fol.193
[40] Fol.160 tergo

hemm ebda tieni nuqqas da parti tal-konvenuti" u li dan jirrizulta car mill-atti.

Illi in tema legali jinsab ritenut fil-kawza App.Civ. Joseph Grech vs Joseph Bowman[41] "L'errore che puo` costituire motivo di ritrattazione dev' essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione (Vol.XXV.I.139)" Mortara jispjega: ".. l'errore di fatto e` un vero errore dei sensi, il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste od ha fondato la sua convizione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell' intelletto sulle carte del processo" [Vol.1C p.404).

Biex zball ta' fatt jaghti kawza ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza jehtieg [Mattiriolo Vol.IV p.825]: illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;. ikun jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball; li l-istess zball ikun manifest, tali li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant; l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant – jigifieri l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk dina ghalkemm ivvizjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjata." [Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra – 18 Gunju 1954][42]

[41] [Vol.LXXXI.II.653]

[42] Vide ukoll: App.Civ. ***Roger Ruggier vs Beatrice Pisani*** deciz 7.10.1997 [*Vol.LXXXI.II.644]*

Illi rigward l-ilmenti ta' l-appellanti in propozitu l-Qorti tosserva:

[1] Illi m'huwiex minnu li kien hemm xi zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza li wasslet kemm lill-Ewwel Qorti kif ukoll lil din il-Qorti tiddecidi li kien sar spoll fit-29 u mhux fit-8 ta' Awissu 2002. Huwa minnu li fl-atti hemm kopja tal-komparixxi li tirreferi ghall-ispoll li kien sar fit-8 ta' Awissu, izda huwa minnu wkoll li mill-provi jirrizulta li sussegwentement kien sar spoll iehor fid-29 ta' Awissu, u huwa ghat-tieni okkazzjoni li jirreferu l-proceduri odjerni. Ghalhekk ma kien hemm ebda zball da parti ta' ebda Qorti;

[2] Illi rigward l-ilment li l-Qorti ma apprezzatx li l-fond qatt ma ttiehed lura mill-appellati wara l-ewwel spoll, il-Qorti tosserva li din hija materja ta' apprezzament ta' provi li saret mill-Ewwel Qorti u li wasslet ghad-decizjoni taghha dwar il-vjolazzjoni tal-pussess ta' l-appellati da parti ta' l-appellanti, u li sussegwentement giet konfermata minn din il-Qorti. Huwa car li ma jirrizulta ebda zball li jidher mill-atti, izda hemm decizjoni tal-Qorti li ttiehdet wara apprezzament tal-provi kollha;

[3] Illi rigward l-ilment ta' l-appellanti li kien hemm zball "fundamentali legali infrastrutturali" meta l-Qorti naqset li tinvesti l-punt dwar l-allegata inezistenza tas-socjeta` appellanti <u>fil-mument tal-lokazzjoni</u>, u allura ma seta' kien hemm ebda skrittura, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi in propozitu, tosserva li mill-atti kien jirrizulta materjalment li l-iskrittura ta' l-lokazzjoni kienet tezisti, u li, sakemm ma kinitx dikjarata nulla, allura kellha tittiehed bhala valida. Di piu` jigi ribadit li dak li kien relevanti ghall-azzjoni ta' spoll, u li ttiehed in konsiderazzjonijiet mill-Qorti, kien <u>il-pussess tal-fond da parti tas-socjeta` appellata fil-mument ta' l-ispoll</u>, irrispettivament mill-validita` o meno ta' l-iskrittura privata;

[4] Illi rigward l-ilment ta' l-appellanti li kien sar zball mill-Ewwel Qorti peress li "ix-xhieda li kellhom jixhdu dak in-nhar u cioe` Rosario Cortis, il-konvenuti u t-tifel taghhom kienu fil-fatt prezenti, u ghalhekk ma kellhomx ghalfejn

jitharrku xhieda." il-Qorti tosserva li mill-verbal ta' l-udjenza jirrizulta biss li, apparti minn Rosario u Philip Cortis li kienu assistiti mid-difensur taghhom dehret biss "il-konvenuta mhux assistita" u ma saret ebda talba sabiex tixhed il-konvenuta jew it-tifel taghha, jew sabiex jixhed Rosario Cortis;  u ghalhekk galadarba l-kawza fl-udjenza precedenti tat-28 ta' Frar 2005 kienet thalliet "ghall-gheluq tal-provi tal-konvenuta ghat-talba attrici" kien jispetta lin-naha konvenuta li tressaq il-provi dak in-nhar, haga li m' ghamlitx, u ghalhekk *imputet sibi*, izda zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi zball tal-Qorti f'dan ir-rigward u "li jidher mill-atti".  Li jirrizulta hu li f'zewg okkazzjonijiet kien hemm nuqqas lampanti da parti tal-konvenuti li jressqu l-provi taghhom meta l-kawza kienet differita ghal dan l-iskop.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddecidi billi tichad it-talba ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April 2006, kif intalab fir-rikors ghar-ritrattazzjoni, u konsegwentement tichad ukoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza kif hemm mitlub.  L-ispejjez kollha gudizzjarji jkunu a karigu tar-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------